REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 702/2009

tat-3 ta' Awwissu 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 555/2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-inbid fir-rigward ta' programmi ta' appoġġ, kummerċ ma' pajjiżi terzi, potenzjal tal-produzzjoni u kontrolli fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikoli 103za u 85x tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jitħaffef il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, u b'qies għall-ammont kbir ta' informazzjoni mibgħuta minnhom fis-sensiela ta' tabelli fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 555/2008 ([2]), kif ukoll għall-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri spiss tkun disponibbli b'mod elettroniku, jidher xieraq li jiġi pprovdut li n-notifikar lill-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni tagħhom marbuta mal-abbozzi tal-programmi ta' appoġġ, kif mitluba fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament imsemmi, jista' jsir billi jiġi notifikat is-sit li fih il-leġiżlazzjoni tinsab disponibbli.

(2) L-Artikolu 10(b) tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 jirreferi, bi żball, għal kundizzjonijiet stipulati fl-istess Artikolu. Billi l-ebda kundizzjoni mhi stipulata f'dak l-Artikolu, iżda l-kundizzjonijiet jiġu stipulati fl-istess Regolament, il-kliem tal-punt imsemmi għandu jiġi kkoreġut kif xieraq.

(3) L-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 555/2008 jipprovdi għall-ġestjoni finanzjarja tal-miżura tal-investiment. Bil-għan li l-fondi jintużaw aħjar, jixraq li ssir dispożizzjoni għall-possibbiltà ta' ħlasijiet wara l-eżekuzzjoni ta' ċerti operazzjonijiet ta' miżura partikulari, filwaqt li jiġi żgurat li titwettaq il-miżura sħiħa, kif ipprovdut fl-applikazzjoni kkonċernata. Barra minn hekk, sabiex jitħaffef it-twettiq ta' proġetti ta' investiment fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, il-limitu massimu ta' ħlasijiet bil-quddiem għandu jogħla fl-2009 u l-2010.

(4) Skont l-Artikolu 103n u l-Artikolu 180 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Istati Membri jistgħu jagħtu għajnuna nazzjonali skont ir-regoli Komunitarji relevanti dwar l-għajnuna mill-istat, għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 103p, 103t u 103u tal-istess Regolament. Filwaqt li l-Artikoli 87 u 89 tat-Trattat japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċ tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-Artikolu 88 tat-Trattat ma għandux japplika għall-ħlasijiet imwettqa skont l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 mill-Istati Membri, f'konformità mal-istess Regolament. Għaldaqstant, billi n-notifikar tal-għajnuna mill-istat mhuwiex meħtieġ fil-forma stipulata fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE ([3]) u r-Regolamenti li jimplimentawh, sabiex jiġi vverifikat li l-ħlasijiet jirrispettaw ir-regoli dwar l-għajnuna mill-istat, jeħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni għal notifika simplifikata.

(5) Jekk il-produtturi jirtiraw l-applikazzjoni tagħhom għall-primjum tal-qlugħ mill-għeruq, jew jaqilgħu biss parti jew xejn mill-erja indikata fl-applikazzjoni tagħhom, dan jipperikola l-użu effiċjenti tal-fondi Komunitarji pprovduti għal din il-miżura. Lil hinn mis-sanzjonijiet diġà pprovduti fl-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 555/2008, jixraq li jkun hemm dispożizzjoni biex l-Istati Membri jiddeċiedu li ma tingħata l-ebda prijorità lill-applikazzjoni tal-produtturi kkonċernati fis-snin finanzjarji ta' wara.

(6) L-applikazzjoni tal-perċentwal uniku għall-aċċettazzjoni tfisser piż amministrattiv sproporzjonat għall-Istati Membri fejn l-applikazzjonijiet għall-qlugħ mill-għeruq ikopru biss erja relattivament żgħira. Għaldaqstant, jixraq li l-Istati Membri jkunu eżenti mill-applikazzjoni ta' dan il-perċentwal għall-aċċettazzjoni jekk l-erja li għaliha jirriferu l-applikazzjonijiet eliġibbli ma tilħaqx ċertu livell.

(7) L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 555/2008 jirrikjedi informazzjoni dwar l-ammonti mħallsa fir-rigward tal-pagamenti taħt l-Iskema ta' Pagament Uniku (SPS) għall-vinji. L-Anness VII għall-istess Regolament jirrikjedi informazzjoni dwar l-erja kopruta mill-ħlasijiet tal-SPS għall-vinji, flimkien mal-medja tal-ħlasijiet li jkunu saru. Madankollu, ladarba jkunu allokati d-drittijiet, ma jibqax possibbli li wieħed jiddistingwi rigward x'tip ta' użu tal-art ġew inizjalment allokati għalih, u l-applikanti mhumiex mitluba jindikaw jekk l-art imħawwel bil-vinji tkun qed tintuża bħala appoġġ għall-applikazzjoni annwali tagħhom taħt l-SPS. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirċievi informazzjoni globali dwar l-SPS skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004 tal-21 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal sistemi ta' sostenn direct taħt il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' sostenn għall-bdiewa ([4]). Dik l-informazzjoni trid tinkludi wkoll l-artijiet bil-vinji. Għalhekk, ir-ringieli li jirrikjedu informazzjoni dwar il-ħlasijiet tal-SPS għandhom jitnehħew mit-tabelli relevanti tar-Regolament (KE) Nru 555/2008.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) GU L 170, 30.6.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([4]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 1.

(8) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 555/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-leġiżlazzjoni marbuta mal-abbozzi tal-programmi ta' appoġġ imsemmija fl-ewwel subparagrafu malli jkunu adottati jew immodifikati. Din in-notifika tista' ssir billi jintbagħat lill-Kummissjoni l-indirizzi tas-sit li fih il-leġiżlazzjoni kkonċernata tinsab disponibbli għall-pubbliku";

(2) Fl-Artikolu 10, il-punt (b) għandu jinbidel b'li ġej:

"(b) il-kontinwazzjoni tal-miżura tilħaq, wara adattamenti jekk ikunu meħtieġa, il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament";

(3) L-Artikolu 19 għandu jinbidel b'li ġej:

"Artikolu 19

Ġestjoni finanzjarja

1. L-appoġġ għandu jitħallas ġaladarba jkun ġie aċċertat li operazzjoni waħda jew l-operazzjonijiet kollha koperti mill-applikazzjoni għall-appoġġ, skont l-għażla li jkun għamel l-Istat Membru għall-ġestjoni tal-miżura, ikunu ġew implimentati u kkontrollati fuq il-post.

Fejn l-appoġġ normalment ikun jista' jitħallas biss wara l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha, b'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-appoġġ għandu jitħallas għal operazzjonijiet singoli implimentati jekk il-bqija tal-operazzjonijiet ma setgħux jitwettqu minħabba forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 31 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (*).

Jekk mill-verifiki jirriżulta li operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ ma tkunx ġiet implimentata kollha għal raġunijiet għajr forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali fit-tifsira tal-Artikolu 31tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, u fejn l-appoġġ ikun tħallas wara operazzjonijiet singoli li jkunu parti mill-operazzjoni komprensiva koperta mill-applikazzjoni għall-appoġġ, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu li jirkupraw l-għajnuna li tkun tħallset.

2. Il-benefiċjarji ta' appoġġ għal investiment jistgħu jitolbu l-ħlas ta' avvanz mill-aġenzija kompetenti tal-ħlas jekk din l-għażla tkun inkluża fil-programm nazzjonali ta' appoġġ.

L-ammont tal-avvanzi m'għandux jaqbeż l-20 % tal-għajnuna pubblika marbuta mal-investiment, u l-ħlas għandu jkun soġġett għall-istabbiliment ta' garanzija bankarja jew garanzija ekwivalenti, li tikkorrispondi għal 110 % tal-ammont tal-avvanz. Madankollu, fil-każ ta' investimenti li għalihom id-deċiżjoni individwali biex jingħata l-appoġġ tittieħed fl-2009 jew fl-2010, l-ammont tal-avvanzi jista' jitla' sa 50 % tal-għajnuna pubblika marbuta ma' dak l-investiment.

Il-garanzija msemmija għandha tinħeles meta l-aġenzija kompetenti ta' ħlas tistabbilixxi li l-ammont ta' nfiq reali li jkun jikkorrispondi mal-għajnuna pubblika marbuta mal-investiment jaqbeż l-ammont tal-avvanz.

(*) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16".

(4) Fil-Kapitolu III tat-Titolu II, għandu jiżdied l-Artikolu 37a li ġej:

"Artikolu 37a

Notifikar dwar l-għajnuna mill-istat

1. Minkejja l-Artikolu 5(8), it-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, fejn l-Istati Membri jagħtu għajnuna mill-istat skont l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*), għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-tagħrif li ġej:

(a) fejn applikabbli, il-lista tal-miżuri ta' għajnuna diġà awtorizzati skont l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat maħsuba għall-implimentazzjoni tal-programmi, jew ir-raġuni għaliex l-għajnuna nazzjonali kkonċernata tkun ġiet eżentata mill-obbligi ta' notifikar;

(b) f'każijiet oħra, l-elementi meħtieġa għall-evalwazzjoni skont ir-regoli tal-kompetizzjoni.

2. Jekk japplika l-paragrafu (1)(a), l-Istati Membri għandhom jimlew it-Tabella 1 tal-Anness VIIIc:

(a) b'indikazzjoni jekk l-appoġġ ikunx se jingħata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 (**) għall-appoġġ *de minimis* għall-produzzjoni primarja fis-settur agrikolu, jew skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 (***) għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli;

(b) bin-numru tar-reġistrazzjoni u r-referenza għar-Regolament ta' eżenzjoni tal-Kummissjoni adottat abbażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 (****) li skontu ddaħħlet il-miżura; jew

(c) bin-numru tal-każ u n-numru tar-referenza li bihom il-miżura ġiet iddikjarata kompatibbli mat-Trattat mill-Kummissjoni.

3. Jekk japplika l-paragrafu (1)(b), l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:

(a) it-Tabella 2 tal-Anness VIIIc għal kull waħda mill-miżuri, imsemmija fl-Artikoli 103p, 103t u 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, li għalihom ingħatat għajnuna nazzjonali;

(b) it-Tabella 3 tal-Anness VIIIc fil-każ ta' għajnuna nazzjonali mogħtija għall-miżura ta' promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi, imsemmija fl-Artikolu 103p tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(c) it-Tabella 4 tal-Anness VIIIc fil-każ ta' għajnuna nazzjonali mogħtija għall-miżura ta' assigurazzjoni tal-ħsad, imsemmija fl-Artikolu 103t tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(d) it-Tabella 5 tal-Anness VIIIc fil-każ ta' għajnuna nazzjonali mogħtija għall-miżura ta' investiment, imsemmija fl-Artikolu 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

4. L-elementi kkomunikati permezz ta' kwalunkwe waħda mit-tabelli tal-Anness VIIIc għandhom ikunu validi matul id-dewmien kollu tal-programm, minħajr ħsara għal xi bidliet li jistgħu jsiru fil-programmi.

5. Minkejja l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, u minħajr ħsara għall-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri li jagħtu għajnuna nazzjonali għandhom jimmodifikaw il-programm ta' appoġġ għall-ġejjieni, billi jimlew it-tabelli relevanti tal-Anness VIIIb sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2009. L-Artikolu 103k(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 japplika għal dawn il-modifiki.

(5) Fl-Artikolu 70, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3. Jekk, f'sena finanzjarja partikolari, produttur ikun irtira l-applikazzjoni tiegħu għall-primjum għall-qlugħ mill-għeruq, jew ikun qala' biss parti jew xejn mill-erja indikata fl-applikazzjoni, Stat Membru jista' jiddeċiedi li ma jagħtihx prijorità skont l-Artikolu 85s(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fis-snin finanzjarji ta' wara".

(6) Fl-Artikolu 71, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3. Minħajr ħsara għall-paragrafu 1, il-perċentwal uniku għall-aċċettazzjoni ma japplikax għall-Istati Membri li jkunu kkomunikaw, skont l-Artikolu 85s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-applikazzjonijiet eliġibbli għal erja iżgħar minn 50 ettaru".

(7) Fl-Anness VI, il-linja 1 dwar l-Iskema ta' Pagament Uniku għandha titħassar.

(8) Fl-Anness VII, il-linja 1 dwar l-Iskema ta' Pagament Uniku għandha titħassar.

(9) Wara l-Anness VIIIb, għandu jiddaħħal l-Anness VIIIc, li t-test tiegħu jingħata fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(4) u (9) għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Awwissu 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(**) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35.
(***) ĠU L 379, 28.12.2006, p. 5.
(****) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1".

ANNESS

"ANNESS VIIIc

Tabella 1

Tagħrif dwar l-iskemi ta' għajnuna diġà awtorizzati skont l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat, jew dwar l-eżenzjoni ta' miżura partikolari mill-obbligi tan-notifikar [1]

Stat Membru [2]: ..... Reġjun(i) konċernat(i) *(fejn applikabbli)*: .....

Kodiċi tal-miżura	Isem il-miżura ta' għajnuna	Indikazzjoni tal-bażi legali tal-iskema	Tul ta' żmien tal-miżura ta' għajnuna

Jekk jogħġbok indika, skont il-każ:

— għall-miżuri koperti minn Regolament de minimis: 'Kwalunkwe għajnuna mogħtija taħt din il-miżura għandha tkun konformi mar-Regolament de minimis (KE) Nru 1535/2007 (il-produzzjoni primarja) jew Nru 1998/2006 (l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli)' [3],

— għall-iskemi ta' għajnuna approvati: referenza għad-deċiżjoni approvata tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-istat, inklużi n-numru tal-għajnuna mill-istat u r-referenzi tal-ittra ta' approvazzjoni,

— għall-għajnuna eżenti bis-sħiħ: referenza għar-Regolament għal Eżenzjoni Sħiħa individwali (jiġifieri, ir-Regolament (KE) Nru 1857/2006 [4] jew ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 [5]) u n-numru tar-reġistrazzjoni.

[1] Notifikar imsemmi fl-Artikolu 37a(2) ta' dan ir-Regolament.
[2] Għandu jintuża l-akronimu tal-OPOCE.
[3] Jekk jogħġok indika liema Regolament japplika.
[4] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għal għajnuna mill-istat għal impriżi żgħar u ta' daqs medju attivi fil-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001, ĠU L 358, 16.12.2006, p. 3.
[5] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008, li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

Tabella 2

Folja ta' tagħrif ġenerali [1]

Stat Membru [2]: ..... Reġjun(i) konċernat(i) *(fejn applikabbli)*: .....

1. **Identifikazzjoni tal-għajnuna**

1.1. Titlu tal-għajnuna (jew isem il-kumpanija benefiċjarja fil-każ ta' għajnuna individwali):

.....

1.2. Deskrizzjoni fil-qosor tal-għan tal-għajnuna:

.....

Għan ewlieni (jekk jogħġbok immarka wieħed biss):

☐ Promozzjoni f'pajjiżi terzi (Artikolu 103p tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

☐ Assigurazzjoni tal-ħsad (Artikolu 103t tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

☐ Investiment (Artikolu 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007)

1.3. Skema ta' għajnuna – Għajnuna individwali

In-notifika tirreferi għal:

☐ skema ta' għajnuna

☐ għajnuna individwali;

2. **Bażi legali nazzjonali**

Titolu tal-bażi legali nazzjonali, inklużi d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni:

.....

.....

.....

3. **Benefiċjarji**

3.1. Fejn jinsab(u) (i)l-benefiċjarju/i

☐ f'reġjun(i) mhux assistit(i)

☐ f'reġjun(i) eliġibbli għall-għajnuna skont l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE *(speċifika jekk hux fil-livell 3 tan-NUTS jew anqas)*

☐ f'reġjun(i) eliġibbli għall-assistenza skont l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE *(speċifika jekk hux fil-livell 2 tan-NUTS jew anqas)*

☐ f'aktar minn reġjun wieħed *(speċifika)*: .....

3.2. F'każ ta' għajnuna individwali:

Isem il-benefiċjarju: .....

[1] Notifikar imsemmi fl-Artikolu 37a(3)(a) ta' dan ir-Regolament.
[2] Għandu jintuża l-akronimu tal-OPOCE.

Tip ta' benefiċjarju:

☐ SME

Numru ta' impjegati: .....

Fatturat annwali: .....

Karta tal-bilanċ annwali: .....

Indipendenza: .....

☐ impriża kbira

3.3. F'każ ta' skema ta' għajnuna:

Tip ta' benefiċarji:

☐ l-impriżi kollha (impriżi kbar u żgħar u ta' daqs medju)

☐ impriżi kbar biss

☐ impriżi żgħar u ta' daqs medju

☐ impriżi ta' daqs medju

☐ impriżi żgħar

☐ impriżi mikro

☐ il-benefiċjarji li ġejjin: .....

Stima tal-għadd ta' benefiċjarji:

☐ taħt l-10

☐ minn 11 sa 50

☐ minn 51 sa 100

☐ minn 101 sa 500

☐ minn 501 sa 1 000

☐ iktar minn 1 000

4. **Forma tal-għajnuna u mezzi tal-finanzjament**

Forma tal-għajnuna mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju *(speċifika; fejn xieraq, separatament għal kull miżura)* (eż. għotja diretta, self bi mgħax baxx …):

.....

.....

Tabella 3

Folja ta' tagħrif supplimentari dwar l-għajnuna għall-promozzjoni fi swieq ta' pajjiżi terzi (Artikolu 103p tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007) [1]

Stat Membru [2]: ..... Reġjun(i) konċernat(i) *(fejn applikabbli)*: .....

B'dan huwa kkonfermat li:

☐ il-kampanja ta' reklamar mhijiex immirata lejn impriżi speċifiċi

☐ il-kampanja ta' riklamar ma tipperikolax il-bejgħ u ma tbaxxix il-valur tal-prodotti minn Stati Membri oħra

☐ il-kampanja ta' riklamar hija skont il-prinċipji tar-Regolament (KE) Nru 3/2008, inkluż ir-rekwiżit li l-kampanja ta' riklamar ma tkunx immirata lejn marki kummerċjali. *(Bħala prova ta' din id-dikjarazzjoni, għandhom jingħataw l-elementi li juru l-konformità mal-prinċipji tar-Regolament (KE) Nru 3/2008).*

[1] Notifikar imsemmi fl-Artikolu 37a(3)(b) ta' dan ir-Regolament.
[2] Għandu jintuża l-akronimu tal-OPOCE.

Tabella 4

Folja ta' tagħrif supplimentari dwar l-għajnuna lejn il-ħlas tal-primjums għall-assigurazzjoni tal-ħsad (Artikolu 103t tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007) [1]

Stat Membru [2]: ..... Reġjun(i) konċernat(i) *(fejn applikabbli)*: .....

1. **B'dan huwa kkonfermat li:**

☐ il-miżura ta' għajnuna ma tipprevedix il-ħlas ta' primjums tal-assigurazzjoni favur kumpaniji kbar u/jew kumpaniji attivi fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli

☐ il-possibbiltà li jiġi kopert ir-riskju mhijiex marbuta ma' kumpanija tal-assigurazzjoni waħda biss, jew ma' grupp ta' kumpaniji

☐ l-għajnuna ma tiddependix mill-konklużjoni tal-kuntratt ta' assigurazzjoni ma' kumpanija stabbilita fl-Istat Membru kkonċernat.

2. **It-telf li ġej għandu jiġi kopert mill-assigurazzjoni li għaliha l-primjums ikunu ffinanzjati parzjalment taħt il-miżura ta' għajnuna kkonċernata:**

☐ a) unikament it-telf ikkaġunat minn avvenimenti klimatiċi negattivi li jistgħu jitqiesu bħala diżastri naturali, kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt 8 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

☐ b) it-telf imsemmi hawn fuq flimkien ma' telf ieħor ikkaġunat minn avvenimenti klimatiċi

☐ c) it-telf ikkaġunat minn mard tal-annimali jew tal-pjanti, jew mill-infestazzjoni tal-pesti (waħdu jew flimkien ma' telf ieħor imsemmi f'dan il-punt).

3. **Intensità tal-għajnuna proposta:** .....%

NB: Jekk japplika biss l-ewwel każ (taħt 2a), ir-rata massima tal-għajnuna tkun ta' 80 %. Fil-każijiet l-oħra (jiġifieri fejn ikunu ġew immarkati l-kaxxi b) u/jew c) tal-punt 2 hawn fuq), ir-rata massima tal-għajnuna tkun ta' 50 %.

Dawn il-kundizzjonijiet jirrelataw mal-intensitajiet massimi tal-ammont ikkumulat kemm tal-kontribut nazzjonali kif ukoll ta' dak Komunitarju, skont l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

[1] Notifikar imsemmi fl-Artikolu 37a(3)(c) ta' dan ir-Regolament.
[2] Għandu jintuża l-akronimu tal-OPOCE.

Tabella 5

Folja ta' tagħrif supplimentari dwar l-għajnuniet għall-investiment (Artikolu 103u tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007) [1]

Stat Membru [2]: ..... Reġjun(i) konċernat(i) *(fejn applikabbli)*: .....

1. **Ambitu u benefiċjarji tal-għajnuna**

1.1. L-appoġġ jingħata għall-investimenti tanġibbli jew intanġibbli li ġejjin, li jtejbu r-rendiment globali tal-impriża (*jekk jogħġbok immarka*):

☐ f'faċilitajiet tal-ipproċessar

☐ f'infrastruttura tal-inbid

☐ fil-kummerċjalizzazzjoni tal-inbid.

1.2. L-għajnuna tikkonċerna (*jekk jogħġbok immarka*):

☐ il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007

☐ l-iżvilupp ta' prodotti, proċessi u teknoloġiji ġodda relatati mal-prodotti msemmijin fl-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

1.3. B'dan huwa kkonfermat li l-għajnuna mhijiex tingħata lil impriża f'diffikultà fit-tifsira tal-linjigwida Komunitarji dwar l-għajnuniet mill-istat għas-salvazzjoni u r-ristrutturar tal-impriżi f'diffikultà:

☐ iva

1.4. Din in-notifika tikkorrispondi għad-dispożizzjoni li ġejja tal-*Linjigwida Agrikoli* – u għaldaqstant, kif xieraq, huwa kkonfermat dan li ġej:

1.4.1. ☐ *il-punt IV.B.2. (a)* [Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008]; f'dan il-każ, b'dan huwa kkonfermat li:

☐ l-għajnuna tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 (għajnuna mill-istat lil impriżi żgħar u ta' daqs medju)

1.4.2. ☐ *il-punt IV.B.2. (b)* [Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008]; f'dan il-każ, b'dan huwa kkonfermat li:

☐ l-għajnuna tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 (għajnuna għall-investiment reġjonali)

1.4.3. ☐ *il-punt IV.B.2. (c)* [il-Linjigwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007–2013 [3]]; f'dan il-każ, b'dan huwa kkonfermat li:

☐ l-għajnuna tilħaq il-kundizzjonijiet stipulati fil-Linjigwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013 *(f'dan il-każ, l-evalwazzjoni ta' tali għajnuna għandha ssir abbażi tal-Linjigwida dwar l-għajnuna Reġjonali Nazzjonali. Għandha timtela l-parti relevanti tal-formola ġenerali ta' notifika (l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1627/2006* [4])).

1.4.4. ☐ *il-punt IV.B.2. (d)* [għajnuna għal kumpaniji intermedji f'reġjuni li **mhumiex** eliġibbli għall-għajnuna reġjonali] f'dan il-każ:

hemm benefiċjarji li huma SMEs?:

☐ iva ☐ le

Jekk iva, japplika l-punt 1.4.1 hawn fuq [il-punt IV.B.2(a) tal-Linjigwida Agrikoli].

[1] Notifikar imsemmi fl-Artikolu 37a(3)(d) ta' dan ir-Regolament.
[2] Għandu jintuża l-akronimu tal-OPOCE.
[3] ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.
[4] GU L 302, 1.11.2006, p. 10.

Jekk le, b'dan huwa kkonfermat li l-għajnuna tingħata biss lil kumpaniji intermedji (jiġifieri ta' inqas minn 750 impjegat u/jew fatturat ta' inqas minn EUR 200 miljun):

☐ iva

F'dan il-każ, għandha timtela l-parti relevanti tal-formola ġenerali ta' notifika (l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1627/2006) rigward l-infiq eliġibbli.

2. **Għajnuna individwali**

L-investimenti eliġibbli jistgħu jaqbżu l-EUR 25 miljun, jew l-għajnuna tista' tammonta għal EUR 12 miljun:

☐ iva ☐ le

Jekk iva, dan hu t-tagħrif kollu li jippermetti evalwazzjoni individwali tal-għajnuna:

.....

3. **Intensità tal-għajnuna**

NB: Dawn il-kundizzjonijiet jirrelataw mal-intensitajiet massimi tal-ammont ikkumulat kemm tal-kontribut nazzjonali kif ukoll ta' dak Komunitarju, skont l-Artikolu 103n(4) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3.1. Jekk il-benefiċjarji huma **SMEs** (l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008), l-intensità massima tal-għajnuna għal investimenti eliġibbli hija kif ġej:

3.1.1. ir-reġjuni l-aktar imbiegħda: ..... (massimu 75 %)

3.1.2. l-iżgħar Gżejjer tal-Eġew ([1]): ..... (massimu 65 %)

3.1.3. reġjuni eliġibbli skont l-Artikolu 87(3)(a): ..... (massimu 50 %)

3.1.4. reġjuni oħra: ..... (massimu 40 %)

3.2. Għall-għajnuna li taqa' taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 (għajnuna għall-investiment reġjonali) **jew** il-linjigwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013, l-intensità massima tal-għajnuna hija kif ġej:

3.2.1. għall-SMEs:

3.2.1.1. fir-rigward ta' investimenti f'reġjuni li huma eliġibbli skont l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat: .....
(massimu: 50 % jew l-ammont massimu determinat fil-mappa reġjonali approvata għall-Istat Membru kkonċernat għall-perjodu 2007-2013)

3.2.1.2. fir-rigward ta' investimenti eliġibbli f'reġjuni oħra li huma eliġibbli għall-għajnuna reġjonali: .....
(massimu: 40 % jew l-ammont massimu determinat fil-mappa reġjonali approvata għall-Istat Membru kkonċernat għall-perjodu 2007-2013)

3.2.2. għal impriżi intermedji fit-tifsira tal-Artikolu 28(3) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 (mhux SME iżda b'inqas minn 750 impjegat jew b'fatturat ta' inqas minn EUR 200 miljun):

3.2.2.1. fir-rigward ta' investimenti eliġibbli f'reġjuni li huma eliġibbli skont l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat: .....
(massimu: 25 % jew l-ammont massimu determinat fil-mappa reġjonali approvata għall-Istat Membru kkonċernat għall-perjodu 2007-2013)

3.2.2.2. fir-rigward ta' investimenti eliġibbli f'reġjuni oħra li huma eliġibbli għall-għajnuna reġjonali: .....
(massimu: 20 % jew l-ammont massimu determinat fil-mappa reġjonali approvata għall-Istat Membru kkonċernat għall-perjodu 2007-2013)

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93, ĠU L 184, 27.7.93, p. 1.

3.2.3. Hemm benefiċjarji li huma ikbar mill-impriżi intermedji msemmija taħt il-punt 3.2.2? (jiġifieri impriżi kbar):

☐ iva ☐ le

Jekk iva, b'dan huwa kkonfermat li l-intensità massima tal-għajnuna hija ugwali għal jew inqas mill-ammont massimu determinat fil-mappa ta' għajnuna reġjonali approvata għall-Istat Membru kkonċernat għall-perjodu 2007 – 2013:

☐ iva

F'dan il-każ, l-intensità massima tal-għajnuna għandha tissemma fil-mappa reġjonali tal-għajnuna msemmija hawn fuq.

L-intensità massima tal-għajnuna rilevanti fil-mappa ta' għajnuna reġjonali korrispondenti hija ta': ..... %.

3.3. Għall-għajnuna għall-investiment favur kumpaniji intermedji f'reġjuni li mhumiex eliġibbli għall-għajnuna reġjonali, l-intensità massima tal-għajnuna hija ta': ..... (*massimu: 20 %*).

4. **Kriterji tal-eliġibbiltà u nfiq**

4.1. B'dan huwa kkonfermat li:

☐ l-għajnuna ma tappoġġjax investimenti li għalihom organizzazzjoni komuni tas-suq, inklużi skemi ta' appoġġ dirett, iffinanzjati mill-FAEG, tqiegħed restrizzjonijiet fuq il-produzzjoni jew inkella limiti fuq l-appoġġ Komunitarju fil-livell tal-bdiewa, azjendi jew impjanti ta' proċessar individwali, li jistgħu jżidu l-produzzjoni lil hinn minn dawk ir-restrizzjonijiet jew limiti;

☐ l-għajnuna ma tikkonċernax ix-xiri ta' tagħmir użat fil-każ ta' għajnuna lil kumpaniji *intermedji jew kbar*.

4.2. Għall-għajnuna għall-investimenti f'reġjuni li **mhumiex** eliġibbli għall-għajnuna reġjonali:

L-infiq għall-investiment li huwa eliġibbli jikkorrispondi bis-sħiħ għat-tipi eliġibbli ta' nfiq elenkata fil-linjigwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013:

☐ iva ☐ le

Jekk le, u jekk il-benefiċjarji huma SMEs, b'dan huwa kkonfermat li l-infiq eliġibbli huwa konformi mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 800/2008:

☐ iva

5. **Tagħrif ieħor**

In-notifika hija akkumpanjata b'dokumentazzjoni li turi li dak l-appoġġ huwa mmirat lejn għanijiet definiti b'mod ċar li jirriflettu ħtiġijiet strutturali u territorjali identifikati kif ukoll żvantaġġi strutturali:

☐ iva ☐ le

Jekk iva, jekk jogħġbok ipprovdi d-dokumentazzjoni f'Anness ma' dan il-folja ta' tagħrif supplimentari."